MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 97/2009

Andre Magro (Id. 296593M), Carmel Magro (Id.190948M), Mario Magro (Id. 341052M), John Magro (Id. 78354M) u Paul Magro (Id. 16358M) ezercenti n-negozju Firm Michael Magro.

Vs

Alfred Tonna.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu l-hlas tas-somma ta' elf, erba mija u sebgha Ewro u erba centezmi (€1,407.04) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu mill-atturi. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra legali ta' l-1 ta' April 2008 u tat-22 ta' Settembru 2008 u bl-imghax legali mill-25 ta' Lulju 1996 data ta' l-ahhar invoice, sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, erba mija u sebgha Ewro u erba centezmi (€1,407.04), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------